MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 470/1990/1

**Perit Arkitett Lawrence Mintoff bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Building & Design Consultants Limited**

**vs.**

**Saviour sive Salvatore Camilleri**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ippremetta Illi:

PERESS li l-kumpanija attrici hija kumpanija li tipprovdi servizzi professjonali ta' periti arkitetti u servizzi ohra ancillari, ghall-kostruzzjoni ta' bini u ghal progetti ohra tal-istess natura.

PERESS li l-konvenut kien impjegat mal-kumpanija attrici bhala *draftsman/ architect's assistant,* u baqa' hekk impjegat sal-ewwel xhur tas-sena 1987, sa kemm telaq.

PERESS li fil-kwalita' tieghu premessa l-konvenut kien jara nies li jigu ghas-servizzi provduti mill-kumpanija attrici, u hlief ghal dak li huwa prettament professjonali li, kien jiehu hsieb il-kaz taghhom.

PERESS li wara li l-konvenut halla l-kumpanija attrici, l-attur nomine sab li kien hemm diversi kazijiet fejn il-konvenut kien ghamel uzu mill-facilitajiet u servizzi provduti mill-kumpanija attrici, u ghal dawn il-facilitajiet u servizzi kif ukoll ghal servizzi ohra li pprovda hu personalment pero' li kien imhallas biex jirrendihom mill-kumpanija attrici, rcieva l-hlas hu stess u ma kkreditahx lill-kumpanija attrici li kienet timpjegah u li jmissha rceviet il-hlas.

PERESS li l-agir illegali u abbuziv tal-konvenut jikkostitwixxi frode ghad-dannu tal-attur nomine li ghadu jsib kazijiet ohra barra dawk li gja' sab li huma dawk elenkati fid-dokument 'A'.

PERESS illi dan l-agir illegali u abbuziv tal-konvenut irreka danni lill-kumpanija attrici billi din ma setghetx taghmel uzu mill-flus taghha li l-konvenut zamm ghalih, u billi skond il-ligi dawn id-danni ghandhom jigu ekwiparati ghal imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena (8%), sakemm din il-Qorti ma ssibx li ghandu jkun hemm responsabbilta' akbar.

PERESS li l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm interpellat biex jiddikjara jekk kienx lest biex ihallas.

JGHID il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

(1) tillikwida jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi, dawk l-ammonti li l-konvenut zamm ghalih imma li kienu dovuti lill-kumpanija attrici, u dan riferibilment ghall-kazijiet indikati fil-lista dokument ‘A’, salvi kazijiet li jirrizultaw aktar ‘l quddiem;

(2) tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur nomine l-ammonti hekk likwidati; u

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena fuq l-ammonti hekk likwidati, mill-gurnata rispettiva sal-jum tal-effettiv pagament, jew kull somma ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa, u dan *in linea* ta’ danni.

Bl-ISPEJJEZ komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta’ Lulju 1989, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 9 tal-process fejn ecepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom ikunu respinti bl-ispejjez, u dan peress illi:

1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti skond il-ligi ghab-bazi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili Kap 16.

2. Illi fil-mertu ma huwiex minnu dak allegat mill-attur noe fic-citazzjoni li l-konvenut mexa b’mod illegali u abbuziv b’mod li jikkostitwixxi frodi ghad-dannu tal-attur noe u dan kif ser ikun pruvat ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-konvenut jopponi ruhu ghat-talba tal-attur noe dwar l-imghaxijiet u dan stante li ma hijiex il-procedura adoperata, kif l-istess ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni

tal-kawza, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-paragrafu precedenti.

4. Illi l-istess il-konvenut jopponi minn issa li jkunu prodotti aktar xhieda da parti tal-attur noe, ghax procedura bhal din hija wahda li tmur kontra l-procedura likwidata u adoperata mill-qrati taghna.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm–il darba tkun il-htiega.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut.

Rat illi l-konvenut kien interpona appell fil-Qorti ta' l-Appell stante illi din il-Qorti kif diversament presjeduta cahdet it-talba tieghu li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu.

Rat is-sentenza ta' l-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Mejju 1992, li bha cahdet l-appell u rrimettiet l-atti lil dina l-Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi d-dokumenti esebiti, kif ukoll il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dottor Tonio Mallia u wkoll quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dottor Maria Dolores Gauci.

**Fatti**

Il-konvenut kien ghal diversi snin impjegat mas-socjeta` attrici. Fi tmiem l-impjieg tieghu, l-attur nomine skopra illi Camilleri kien ircieva diversi pagamenti minghand klijenti tad-ditta. L-attur jallega illi dawna inkisbu minn Camilleri b'qerq stante ill huwa kien jithallas ghall-istess xoghol mill-paga li kien jircievi mis-socjeta` attrici. Il-konvenut cahad li kien irceva personalment pagamenti minghand kljenti ta' l-ufficcju ghal xoghol li ghalih hu kien qed jithallas mill-kumpanija u jsostni illi huwa kellu dritt jircievi hlasijiet ghal xoghol li kien ghamel barra l-hin tax-xoghol mad-ditta attrici.

## Konsiderazzjonijiet

Illi ghalkemm kien sar Appell fil-mori tal-kawza, dan ma ddecidiex jekk l-azzjoni odjerna kienitx preskritta kif eccepixxa l-konvenut izda cahdet l-appell a bazi li l-ordni tal-Qorti kif verbalizzata kienet inappellabbli. Billi jirrizulta illi ghad m'hemmx decizjoni dwar il-preskrizzjoni[1], din il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra preliminarjament l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut u cioe il-preskrizzjoni tal-azzjoni a termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jghid hekk:

*"L-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni b'eghluq ta' sentejn".*

Illi l-Qorti tirrileva li minkejja li fl-att ta' citazzjoni huwa allegat illi l-hsarat mitluba jirrizultaw minn frodi mwettqa mill-konvenut, fl-ebda stadju tal-proceduri ma ngiebet prova illi l-konvenut effettivament kien responsabbili ghal frodi u li nstab hati tar-reat tal-frodi taht il-ligijiet Kriminali. Illi ghaldaqstant id-danni allegati mill-attur ma rrizultawx minn reat u ghalhekk l-applikabilita` ta' l-artikolu 2153 ghal kaz odjern u mhux l-artikolu 2154(2) li jipprovvdi li haga akkwistata bi frodi ma tista' tippreskrivaha qatt, jghaddi kemm jghaddi zmien.

Illi din il-kawza giet pprezentata fil-11 ta' Mejju 1990. Illi fl-att tac-citazzjoni hemm indikat illi fit-12 ta' Lulju 1989 giet ipprezentata ittra interpellatorja. Illi kopja legali ta' din l-ittra ma nstabitx fl-atti tal-kawza u ghalhekk mhux maghruf jekk din l-ittra kienitx wahda wfficjali jew le, u jekk setghetx tinterrompi l-perjodu preskrittiv. Ghalhekk il-Qorti qed tikkunsidra illi l-ewwel att pprezentat contra l-konvenut kienet ic-citazzjoni odjerna datata 11 ta' Mejju 1990.

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti u jirrizulta li l-pagamenti li kien thallas il-konvenut minghand klijenti

[1] Fil-fatt fil-verbal tal 19 ta' Ottubru 1990 a fol 12 il-Qorti kienet qalet li hija tal-fehma li sabiex tasal ghall konkluzzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa mehtieg li jinstemghu l-provi fil-mertu…Haga li dina l-Qorti kif presjeduta qed taghmel.

allegatament tad-ditta attrici[2], fil-bicca l-kbira taghhom saru fil-bidu tas-snin tmenin u cioe circa bejn 1980 u 1985. L-iktar ricevuti ricenti esebiti huma datati 1987. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda prodotta, anke minn dak illi xehed l-istess Perit Mintoff, illi l-konvenut waqaf jahdem mad-ditta attrici cirka April 1987. Illi ghalhekk wara dik id-data, il-pagamenti li rcieva l-konvenut Camilleri kienu ghal xoghol li wettaq fil-kapacita` personali tieghu u mhux bhala impjegat tas-socjeta` attrici.

Il-Qorti, minghajr ma tidhol fil-kwistjoni jekk il-konvenut setghax fil-kors ta’ l-impjieg tieghu mas-socjeta` attrici jaghmel ukoll xoghol privat, hi tal-fehma illi l-azzjoni sabiex jigu rkuprati dawn il-hlasijiet hija preskritta. Il-posizzjoni kienet tkun differenti kieku gie pruvat ir-reat ta’ frodi, fejn il-ligi taghna, kif gja nghad, tistipula illi flejjes u oggetti miksuba minn serq jew frodi qatt ma jistghu jigu preskritti. Izda kif diga ntqal l-ezistenza ta’ dan ir-reat ma giex ippruvat.

Rigward id-danni mitluba u li setghu gew subiti mis-socjeta` attrici wara t-tmiem ta’ l-impjieg tal-konvenut, il-Qorti tirrileva li setgha gara li certi klijenti tas-socjeta` attrici ppreferew jinkarigaw lill-konvenut personalment u meta l-konvenut fetah ghal rasu kien hemm numru ta’ klijenti li s-socjeta` attrici tilfet u ghalhekk sofriet telf. It-talba attrici kienet tkun accettabbli kieku is-socjeta` attrici zammet lill-konvenut milli jahdem ghal ex-klijenti taghha wara tmien l-imjieg tieghu, u dana permezz ta’ xi ftehim jew kuntratt specifiku[3]. Biex is-socjeta` attrici izzomm lill-konvenut milli jaqdi nies li setghu qabel kienu klijenti

[2] Il-konvenut xehed li meta n-nies kienu jhallsu ghax-xoghol tal-kumpanija kienu dejjem ihallsu lill Raymond Mintoff ghax kien hu li jiehu hsieb li jigbor il-flus u johrog l-ircevuti. Raymond Mintoff xehed li “Sa kemm domt jiena fil-kumpanija, ma nnotajtx li kien hemm xi pagamenti li ma gewx rikordjati fil-kotba tal-ufficcju”.

[3] Raymond Mintoff jikkonferma fix-xhieda tieghu li huma qatt ma ghamlu kuntratt mal-konvenut.

taghha, hi setghet taghmlu biss bl-accettazzjoni tal-konvenut[4].

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi,
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet attrici
prevja li tilqa' l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut
u tiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.
Spejjez ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ta' interess hu dak li tghid is-sentenza tal-House of Lords fl-ismijiet Nordenfelt vs Maxim Nordenfelt Guns and Ammunition Co. Ltd (1894) –li: "*All restraints of trade, in the absence of special justifying circumstances are contrary to public policy and therefore void*".